KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 45** **Tlieta 3 ta' Mejju 2022**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Christopher Grech - Sindku
Rachel Abela - Viċi Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara - Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Shirley Abela - Kunsillier
Mario Victor Camilleri - Kunsillier
Maria Pia Bonnici - Kunsillier
Mikhail Micallef - Kunsillier
Danny Farrugia – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Aiken Zerafa – Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Chris Grech ippreseda l-laqgħa.

**45.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Zerafa. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

Fis-6:05 saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu għal-*items:*

- 45.2 Aċċettazzjoni tal-ħatra tas-Sindku tal-Perit Chris Grech,
- 45.3 Kummissarju tal-Ġustizzja jagħti l-ġurament ta' Sindku lis-Sur Chris Grech
- 45.4 Diskors mis-Sindku l-ġdid s-Sur Chris Grech
- 45.5 Aċċettazzjoni tal-ħatra ta' Viċi Sindku s-Sinjura Rachel Abela
- 45.6 Kummissarju tal-Ġustizzja jagħti l-ġurament ta' Viċi-Sindku lis-Sinjura Rachel Abela
- 45.7 Diskors mil-Viċi Sindku l-ġdid s-Sinjura Rachel Abela
- 45.8 Co-Option ta' Kunsillier

**45.2 Aċċettazzjoni tal-ħatra tas-Sindku tal-Perit Chris Grech**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda u tat l-ittra ta' aċċettazzjoni tal-kariga tas-Sindku lil-Perit Christopher Grech fejn l-ittra ġiet moqrija u ffirmata.

**45.3 Kummissarju tal-Ġustizzja jagħti l-ġurament ta' Sindku lis-Sur Chris Grech**

Quddiem il-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr. Marita Pace Dimech, il-Perit Christopher Grech ħa l-ġurament tal-ħatra ta' Sindku.

**45.4 Diskors mis-Sindku l-ġdid s-Sur Chris Grech**

Diskors anness appendiċi A.

**45.5 Aċċettazzjoni tal-ħatra ta' Viċi Sindku s-Sinjura Rachel Abela**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda u tat l-ittra ta' aċċettazzjoni tal-kariga tal-Viċi Sindku lis-Sa Rachel Abela fejn l-ittra ġiet moqrija u ffirmata.

**45.6 Kummissarju tal-Ġustizzja jagħti l-ġurament ta' Viċi-Sindku lis-Sinjura Rachel Abela**

Quddiem il-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr. Marita Pace Dimech, is-Sa Rachel Abela ħadet l-ġurament tal-ħatra ta' Viċi Sindku.

**45.7 Diskors mil-Viċi Sindku l-ġdid s-Sinjura Rachel Abela**

Diskors anness appendiċi B.

**45.8 Co-Option ta' Kunsillier**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-Kummissjoni Elettorali nfurmatna li ma kienx hemm nominazzjonijiet ta' kandidati li setgħu jiġu eletti biex jimtela l-post vakat mil-eks Sindku Romilda B. Zarb.
Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra li rċevejna mil-Partit Laburista fejn wara li ġie eżawrit it-terminu skont il-liġi, u wara li ħadd ma tefa nomina, il-Partit Laburista ressaq lis-Sur George Borg sabiex jiġi elett b'*co-option* biex iservi bħala Kunsillier.

Il-Kunsilliera Bonnici pproponiet lis-Sur George Borg, u l-Kunsillier Danny Farrugia issekonda.
Il-membri preżenti ma sabux oġġezzjoni biex jkun *co-opted* is-Sur George Borg bħala Kunsillier.

Is-Sur Borg ingħata merħba mil-membri tal-Kunsill u ntalab jagħti introduzzjoni dwaru.

**45.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 44**

**REF: 43.3.4 Kommunikazzjoni- Quotation for Hard stone kerb**

Is-Sindku nforma li l-kwotazzjoni biex il-*cables* ta' l-elettriku u servizzi oħra jgħaddu min ġo *culvert* biex jiġu taħt l-bankina, tammonta għal €268,301.95. Dan l-ammont ikopri x-xogħol ta' skavar u l-bini ta' *service culvert* biss. Flimkien ma l-istima, hemm pjanta annessa li turi min fejn sa fejn ser isir ix-xogħol. Is-Sindku ta' spjegazzjoni dwar il-pjan ta' kif jista' jsir il-*culvert,* biex jitneħħew l-*aerial lines* mil-Pjazza, kif wkoll preparazzjonijiet għal-futur biex jekk il-Kunsill xi darba jkun jixtieq li jkompli jneħħi l-*aerial lines* mil-Pjazza, dan jkun jista' jsir għax ikun hemm bidu u allura jkun jista' jkun hemm kontinwita.

Is-Sindku nforma li tkellem mal-Perit ta' Infrastructure Malta u l-intenzjoni hi li l-proġett kollu sal-Wied irid ikun lest sa l-aħħar ta' Settembru, u li Main Street tkun lesta qabel il-festa ta' Santa Marija.

Saret diskussjoni dwar ċertu xogħolijiet u tindif li jkun hemm bżonn u jkun lest qabel il-festa. Il-membri preżenti unanimament approvaw il-kwotazzjoni ta' €268,301.95, jekk dejjem l-accountant tal-Kunsill jikkonferma li l-Kunsill għandu biżżejjed fondi. Il-Kunsillier Cassar żied jgħid li irridu niftakru li l-ammont ta' €268,301.95, ħa jiekol ħafna mil-fondi, u biex il-membri preżenti jiftakru li mhux ser jifdal ammont kbir biex nippjanaw proġetti oħra. Il-Kunsilliera Bonnici qalet li dan għandu jkun proġett ewlieni għas-sena 2022.

Wara li inqara r-rapport mil-accountant *item* 45.11.2 – Unaudited Financial Statements 2021, l-accountant tal-Kunsill nforma li l-Kunsill għandu fondi biex jsiru l-*culverts* bl-ammont ta' €268,301.95 u għalhekk il-Kunsilliera qablu li jipproċedu. Il-kont finali tax-xogħol joħroġ wara li l-periti ta' IM jkejlu, jiċċertifikaw u jibgħatulna l-kont attwali.

**REF: 37.4.8 PAMA**
Il-Viċi Sindku nforma li l-kuntrattur baqa' ma ċċempillux lura, u għalhekk talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħat lil-avukat biex imexxu bl-arbitraġġ skond kif stipulate fil-kuntratt.

**REF: 37.4.14 Triq Durumblat u Triq il-Mitħna**
Il-Viċi Sindku nforma li rċevejna approvazzjoni min Transport Malta dwar triq Durumblat u ser jiġu ordnati żewġ tabelli quddiem iċ-ċimiterju, u ħa jsiru t-tabelli bil-ħin, '*60 minutes no return within 1 hour', (24x7), Except for Hearses.* Il-Kunsilliera qablu.

**REF: 33.3.6 Kommunikazzjoni – Bidnija Bridge condition report u Miżura 4.3 EAFRD**
Il-Viċi Sindku nforma li l-Inġinier baqa' ma bagħatx ir-rapport dwar il-pont tal-Bidnija, u l-anqas il-kwotazzjoni. Is-Sindku nforma li fl-opinjoni tiegħu għandna nordnaw it-tabelli li jindikaw liema vetturi jistgħu jużaw il-pont skond it-tunellaġġ, sakemm nirċievu r-rapport mil-Inġinier. Il-Viċi ħa jikkonferma t-tunnellaġġ, biex nkunu nistgħu nordnaw it-tabelli.

Il-membri preżenti approvaw li jsiru t-tabelli.

**REF: 42.3.7 Kommunikazzjoni- Skema Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ġejna nfurmati li ġie estiż id-*deadline* biex napplikaw u għanda ċans sas-27 ta' Mejju. Qed nistennew id-dokumentazzjoni mingħand il-Perit biex nkunu nistgħu nissottomettu l-applikazzjoni.

**REF: 43.3.5 Kommunikazzjoni - Proposta biex Sqaq Grech Mifsud jiġi sqaq pedonali**
Is-Sindku nforma li Elles Urban Services lest li jibda Sqaq San Anton Abbati. Il-Kuntrattur ġab *sample* ta' *paving blocks* ta' barra bi ħxuna ta' 10cm, u jiswew €4 kull metru kwadru iktar min ta' Malta. Il-Kunsillier Cassar ir-rimarka li irridu nużaw materjal, ħxuna u prezz ta' dak li hemm fit-tender. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tiċċirkola l-BOQ tal-kuntrattur mal-Kunsilliera.

**REF: 43.3.8 Kommunikazzjoni- Vjal Ragusa u triq tal-Pont**
Il-Viċi Sindku nforma li dwar triq ir-Rebbiegħa illum ċempillu is-Sur Noel ta' Infrastructure Malta, biex jistaqsi jekk il-Kunsill jafx min hu sid l-art li trid tiġi esproprjata, però nfurmah li l-Lands ma jagħtux dettalji lil Kunsill, jinfurmawna biss jekk hux privata jew tal-Gvern, u l-Viċi Sindku nforma li qed jistaqsi u talab lil-Kunsilliera preżenti biex jekk jsiru jafu min hu sid jressqu d-dettalji.

Il-Kunsillier Cassar nforma li għamel kuntatt mall-kuntrattur tagħna li jissupplixxi l-kameras u li għanda *maintenance agreement* magħhom, fejn ipprovdew kwotazzjoni ta' *stand alone fire alarm.* Rċevejna tlett kwotazzjonijiet eskluż VAT; l-uffiċini tal-Kunsill €3,968, il-Librerija €587, u t-tielet sular fejn hemm is-sala tal-komunità €1,096. Il-Kunsillier Cassar nforma li konna rċevejna kwotazzjoni mil-Primary Health, u għalhekk ħa nqabblu l-kwotazzjonijiet.

**REF: 44.3.4 – Kommunikazzjoni – Byelaw Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li biex issir *byelaw* tal-Ġnien l-Għarusa tal-Mosta l-ġnien jrid jkun devolut lil-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu li nitolbu lill-Lands biex nsaqsu għad-Devoluzzjonu u l-prezz li jrid jitħallas.

**REF: 44.3.6 Kommunikazzjoni- Lighting at Mosta Bridge**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-Inġinier Galea Curmi ma setgħax jiltaqa' magħna biex ssir preżentazzjoni waqt il-laqgħa tal-Kunsill, u fil-jiem li ġejjien ħa ssir laqgħa.

**REF: 44.4.4 Charging Pillars**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li saret it-talba lil-MEEE biex jsiru *charging pillars* fejn l-Iceland u l-Bidnija, fejn talbu biex nibgħatu l-*coordinates,* kif wkoll bagħtu għal *clearance* biex jiġu nstallati *charging pillars* Technopark, Triq Wied il-Għasel, Triq Refuġjati tal-Gwerra u Triq Mons. Edgar Solomone (Żokkrija). Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lit-*traffic management committee*, biex ma jinsewx *feedback* għal-emejl li ntbagħtet għax l-MEEE għadhom qed jistennew *feedback* lura.

**REF: 44.4.6 Twinning Millbrae**
Il-Kunsillier Deguara nforma li saret laqgħa bejn il-kumitat magħmul minnu, s-Sindku u l-Kunsillier Camilleri, fejn ltaqgħu mal-Konslu ta' San Francisco Louis Vella. F'din il-laqgħa ġie deċiż li waqt iċ-ċerimonja titħawwel siġra taż-żebbuġ, li ser issir fit-2 ta' Ġunju fis-6pm. Bħala loġistika għat-trasmissjoni għada qed tiġi diskussa, anke biex tinstab kumpanija li tista' toffri servizz biex iċ-ċerimonja tkun mxandra *live.*

Is-Sindku nforma li ħa jkun hemm lapida kommemorattiva bi tlett lingwi, Malti, Ingliż u bil-Palestinjan, fejn hawn il-mara ta' Arafat tgħix Malta biex tkun mistiedna għaċ-ċerimonja. Wara ċ-ċerimonja, ser issir bibita.

Ser jinġieb tlett kwotazzjonijiet ta' kull ma hemm bżonn isir għal din l-attività għaliex ma hemmx żmien biex dawn jiġu diskuss fl-laqgħa oħra.

**REF: 44.4.8 Ħlasijiet ta' servizz provdut min NGO's Mostin.**
Il-Kunsillier Cassar nforma li l-Mosta Girl Guides ser jagħmlu parata fil-15 ta' Mejju f'għeluq il-50 sena anniversarju, u talab lil membri preżenti biex min hu interessat jattendi anke għal-quddiesa jinformawh.

Il-Kunsillier Cassar nforma li baqgħu għaddejjin id-diskussjonijiet dwar il-ħlas mitlub mil-LESA, dwar l-uffiċjali li hemm bżonn biex issir din il-parata. Kompla jispjega li l-LESA setgħu jipprovdu sitt uffiċjali u min naħa tal-Pulizija għadhom ma ressqux il-kwotazzjoni tagħhom

biex jagħmlu l-*clearance,* għax il-LESA dak in-nhar mhux ser jkollhom uffiċjali biżżejjed minħabba attività oħra. Il-kwotazzjoni tal-LESA hi ta' €447, u fadal l-kwotazzjoni tal-Pulizija, għalhekk il-Kunsillier Cassar nforma lil membri preżenti li bid-deċiżjoni tal-Kunsill li saret fl-aħħar laqgħa numru 44, sar *capping* ta' €250 lil-għaqdiet, u b'din il-*capping* mhux ser tkopri l-ispiża. Il-Kunsillier Cassar nforma li din hija attività ta' darba, u dawn qed jagħtu servizz lil-komunità.
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil membri preżenti li deċiżjoni tal-Kunsill ma tistax tinbidel qabel sitt xhur. Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li t-tħassib tagħha huwa li issa ġejja l-festa, ħa jkun hemm il-kunċerti mil-għaqdiet, u dawn jitilgħu aktar min €400, u għalhekk ma nistgħux noqgħodu nbiddlu l-*capping* għax kollha b'xi mod jew ieħor joffru servizzi b'xejn. Dawn mhux il-Kunsill qed jimponi ħlas fuqhom, imma il-Kunsill qed jipprova jgħin li jtaffu l-ispiża.

Il-membri preżenti unanimament qablu li kif ġie deċiż fl-aħħar laqgħa numru 44, inżommu mal-*capping* ta' €250 għas-sena 2022, lil-NGO's Mostin, għal meta jkun hemm bżonn li joffru servizz ġewwa l-Mosta, diment l-NGO's ma jkunux ser jaqilgħu ħlasijiet għas-servizz li jkunu ser joffru. Kull talba għal ħlas ta' servizz trid tiġi evalwata u approvata mil-membri tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Cassar talab biex nitkellmu mas-CEO tal-LESA biex naraw il-500 siegħa fejn qed jintużaw għax ma nirċievux rendikont, u issuġġerixxa jekk nistgħux nitolbu biex fil-futur dawn il-500 siegħa jibdew jintużaw biex ngħinu l-għaqdiet Mostin meta joffru s-servizzi tagħhom, skond id-deċiżjoni tal-Kunsill.
Il-membri preżenti unanimament qablu biex issir din it-talba waqt il-laqgħa mas-CEO tal-LESA.

**REF: 44.4.9 Patching triq il-Bażilika**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li saret il-*works order.*

**REF: 44.4.11 Claims Committee**
Il-Kunsillier Cassar nforma li l-kumitat tal-*claims* ltaqa u evalwaw ħames *claims* fejn tlieta ġew approvati li jammontaw għal €785 bi tnaqqis ta' 10% *wear and tear,* li jiġu €706.50. Żewġ *claims* ma ġewx approvati, waħda ġiet rimborżata mil-assigurazzjoni tal-Kunsill, u l-oħra kienet dwar vettura li laqtet kantun li kien fin-nofs, u l-kumitat kien ta' l-opinjoni li dan il-kantun spiċċa fin-nofs minħabba l-aċċident. Apparti min hekk sid il-vettura ma segwietx mal-proċeduri u ġie provdut biss estimi, u r-rapport l-għassa nġabar madwar erba' xhur wara, u r-rapport sar għal-fini tal-kumpanija ta' l-assigurazzjoni.

Il-Kunsillier Cassar nforma li waqt il-laqgħa tal-kumitat il-Kunsilliera Bonnici ssuġġeriet li għandu jsir *capping* għal kul *claim* li tidħol għal-fatt li jidħlu bosta u hemm Kunsilli li l-anqas biss jikkunsidraw rapporti ta' *claims* li jsirulhom. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li l-avukat tal-Kunsill kien issuġġerixxa li jiġu evalwati dawk li jaslu b'ittra legali u/jew bil-qorti.

Saret diskussjoni dwar il-*capping* u l-Kunsilliera Bonnici ssuġġeriet li min qed jressaq *claim*, jkun notifikat li l-*claim* tkun għad diskrezzjoni tal-kumitat tal-*claims,* jekk wieħed għandux jieħu il-50%, l-ammont kollu bi tnaqqis ta' 10% *wear and tear,* jew xejn.

**REF: 44.4.12 Laqgħa Pubblika**
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil-membri preżenti li hemm bżonn li naħsbu f'data biex issir il-laqgħa pubblika. Il-membri preżenti qablu biex issir fl-14 ta' Ġunju 2022, fis-sala tal-

komunità. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil membri preżenti li jridu jlestu r-rapport amministrattiv relatat mad-dekasteri tagħhom.

**REF: 44.5 Rapporti (Tenders)**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bħala *tender documents* għalkemm il-Kunsill approvaw li jiġu ppublikati, sakemm jinħatar il-bord il-ġdid ta' evalwazzjoni ma nistgħux nkomplu bil-proċess ta' pubblikazzjoni. Is-Sindku nforma li għad jrid jaħtar il-bordijiet, però il-bord tat tenders jista' jkun approvat fil-laqgħa tal-lum. Għalhekk il-bord tat-tenders ħa jibqa' kif kien magħmul mil-Kunsilliera Cassar u Camilleri, u s-Sindku elett Chris Grech.
Il-membri preżenti approvaw il-bord ta' evalwazzjoni għat-tenders.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 44.

Fis 6:35pm saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu *item* 45.11.2 – Unaudited Financial Statements 2021.

**45.10 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**

**45.10.1 Kommunikazzjoni –**
Rigward il-proġett li ħabbret il-Ministru Dalli ħawlu siġra b'tifkira għat-tabib Calvagna, fejn il-ħsieb huwa li jkun hemm donazzjonijiet mil-pubbliku biex jitħawlu siġar u ma kull siġra jkun hemm dedikazzjoni ta' isem mid-donatur.

**45.10.2 – Kommunikazzjoni – Fixed Assets Deposit List**
Is-Segretarju Eżekuttiv talbet approvazzjoni lil-membri preżenti tal-*fixed deposit list*, liema lista u ritratti ta' l-*equipment* ġew mibgħuta b'email.

Il-membri preżenti unanimament approvaw id-*disposal* tal-*fixed deposits* li hemm mniżżla fuq il-lista.

**45.10.3 – Kommunikazzjoni – Talbiet biex jissemmew toroq għal Dr Calvagna u Mons. Joe Carabott.**
Il-membri preżenti approvaw li tgħaddi f'idejn it-*traffic Management Committee.*

**45.10.4 Kommunikazzjoni- Trees 4U Campaign**
Is-Sindku qara l-imejl mis-Sa. Sandra Chetcuti s-Segretarju Nazzjonali tal-Agora Club Malta, fejn biex iħawlu siġar fil-ġnien Dr. Victor Calvagna fi triq il-Mitħna. Il-membri preżenti qablu li m'hemmx post fil-ġnien Dr. Victor Calvagna, u ssuġerew Millbrae Grove.
Is-Sindku nforma li qed jitolbu approvazzjoni tal-Kunsill biex jitħawlu madwar 52 il-siġra li ser jkunu provduti bit-*tags* min Ambjent Malta.

Il-membri preżenti approvaw li jitħawlu Millbrae Grove. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinforma lis-Sa. Chetcuti biex tkellmu.

**45.9.5 Kommunikazzjoni- Canopy for Rent -TEC Malta**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-eks Sindku Zarb, xi residenti kienu talbuha biex issir xi tip ta' *canopy* fuq l-entratura tal-latrina tan-nisa minħabba l-ħmieġ tal-ħamiem. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ġabet kwotazzjoni biex tinkera *canopy* għal sitt xhur sakemm jikbru l-weraq tas-siġar biex jkun hemm ilqugħ. Din il-kwotazzjoni tammonta għal €2215 eskluż VAT.

Il-membri preżenti m'approvawx il-kwotazzjoni għall-fatt li qablu li t-tinda mhux meħtieġa li ssir għal dawk l-ispejjeż.

**45.9.6 Kommunikazzjoni- Installation of Charging Pillars in your locality in 2022**

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil-kumitat tat-*Traffic Management Committee* li l-Ministeru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli qed jistennew *no-objection* dwar is-siti proposti biex jsiru *charging pillars.*

1. Technopark (Google Coordinates: 35.906311,14.436837)
2. Triq Wied il-Ghasel (Google Coordinates: 35.913045,14.426210)
3. Triq Refugjati tal-Gwerra (Google Coordinates: 35.904794, 14.420284)
4. Triq Mons. Edgar Solomone (Zokrija) (Google Coordinates: 35.911290, 14.416279)

Kif wkoll biex jipprovdu l-Google *coordinates* ta' żewġ siti oħra li kienu ġew ir-rakkomandati mil-Kunsillier Gatt, fejn l-Iceland u oħra l-Bidnija.

**45.9.7 Kommunikazzjoni- Donazzjoni ta' Kotba**

Is-Sindku nforma li rċevejna ċekk ta' €100 għall donazzjoni ta' kotba mil-eks Sindku s-Sur Demartino, biex tingħata lil-librerija. Huwa talab biex tintbagħat ittra ta' ringrazzjament.

**45.9.8 Kommunikazzjoni - Update re Scale 16- Council Assistant**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li mil-lista mibgħuta mil-JobsPlus applikaw ħamsa, u għalhekk jridu jsiru l-*interviews.* Dan il-proċess ħa jitkompla kif is-Sindku l-ġdid jikkonferma l-bord ta' l-*interviews.*

**45.9.9 Kommunikazzjoni - Update re Scale 13- Executive Officer**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li wara li ma applika ħadd mil-listi mibgħuta mil-JobsPlus, issa nistgħu noħorġu s-sejħa pubblika. Dan il-proċess ħa jitkompla kif is-Sindku l-ġdid jikkonferma l-bord ta' l-*interviews.*

**45.9.10 Kommunikazzjoni – Korsijiet Life Long Learning 2022-2023**

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil-Kunsilliera Rapa li hemm xi imejls fejn ġiet mitluba tagħti *feedback* dwar il-lista tal-korsijiet, ħalli nkunu nistgħu napplikaw.

**45.10 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**45.10.1 Għaqda Ħamiem**

Il-Kunsillier Cassar nforma li ġie avviċinat min grupp Mosti Club 23 li huma dilettanti fit-trobbija tal-ħamiem, fejn talbu l-Kunsill biex jagħtihom post ġewwa ġnien Grognet de Vasse fejn jistgħu jiltaqgħu, u offrew li jieħdu ħsieb il-ġnien. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-kamra li hemm tintuża mil-Kunsill, u diġà għandna problema fejn il-Kunsill jista' jerfa l-affarijiet tiegħu. Il-Kunsillier Cassar nforma li jekk jkun żbarrazat il-garaxx tal-*handyman*, jemmen li kamra bħal-din nkunu nistgħu ngħinu din l-għaqda.

**45.10.2 Clean-Up**

Il-Kunsillier Farrugia nforma li ser issir *clean-up* tal-Victoria Lines nhar il-Ġimgħa 13 ta' Mejju. Din il-*clean-up* qed issir mil-Kumpanija Zampa Debattista flimkien mal-Kunsill.

**45.10.3 Traffiku Waqt l-'O' Levels**
Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li kellmuha xi residenti biex il-Kunsill jkellem l-Pulizija biex jkunu aktar preżenti fil-ħinijiet li qed jsiru l- 'O' Levels fi triq Mons. Alan Fenech għax qed jkun hemm rebus tat-traffiku, fejn il-ġenituri qed jispiċċaw joħorġu mil-vetturi biex jidderieġu t-traffiku.

**45.10.4 Skart Quddiem il-Garaxx tal-Kunsill**
Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li reġgħu daħlu rapporti li quddiem il-garaxx tal-Kunsill qed jkun mimli skart, inkluż il-lejla stess fejn hemm erba' kaxxi bil-boroż suwed. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ħa tiċċekkja.

**45.10.5 Refuġjati Ukraini**
Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li hawn grupp Mosti li qed jieħdu ħsieb ir-refuġjati Ukraini, fejn il-ġimgħa l-oħra ħarġuhom b'tal-linja b'xejn, u jixtiequ jerġgħu jorganizzaw ħarġa oħra u jkollhom dawra bit-trejn fil-Mosta però min jagħmel it-*train rides* ma joffrix dan is-servizz b'xejn u din tiġi tiswa €200.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il €200, u għanda tiġi organizzata mil-Kunsill.

**45.10.6 Taħditiet lil-Anzjani dwar id-Dimensja**
Il-Kunsillier Deguara nforma li kkuntattjaħ l-eks DJ Carmel D'Amato fejn qed jagħmel taħditiet lil-anzjani dwar id-dimensja, u talab jekk jistgħux jagħmlu dawn it-tip ta' laqgħat id-Day Centre. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tgħaddi d-dettalji tad-Day Centre lil Kunsillier Deguara.

**8:50pm**: Il-Kunsillier Deguara ftakar li t-talba tas-Sur D'Amato huwa biex jsir MOU kif diġà għamel ma Kunsilli oħra biex tintuża s-sala b'xejn. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lis-Sur Deguara biex tinforma lis-Sur D'Amato jibgħat imejl bit-talba tiegħu lil-Kunsill.

**45.10.7 Bandli Sta. Margerita**
Il-Kunsillier Deguara staqsa jekk jistax jsir xi ħaġa bħala bandli għaż-żgħar għax li hemm iż-żurżieqa tat-tfal kbar. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bħala bandli jkunu skont l-età. Il-Kunsillier Cassar nforma li l-idea tal-bandli f'Kunsill preċedenti kien li l-bandli Reggie Cilia jkun għaż-żgħar, ġnien Sta. Margerita għal-tfal ftit aktar mfarfrien, u ġnien Grognet de Vasse għall-adolexxenti.

Il-membri preżenti qablu li jinġabu kwotazzjonijiet ta' żurżieqa għat- tfal.

**45.10.8 Kawża WM Environmental**
Il-Kunsillier Cassar talab *update* dwar il-kawża ta' WM Environmental. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-ewwel kawża intilfet għax kienet giljottina, u għalkemm is-Segretarju Eżekuttiv ħadet il-ġurament quddiem il-prokuratur legali, jidher li r-risposta ma d-daħlitx. Issa l-kawża li hemm hija dik li fetaħ il-Kunsill kontra WM Environmental dwar id-*default notices*, u n-nuqqas ta' ħaddiema però l-avukat qed jiffoka l-aktar fuq id-*default notices.*

**45.10.9 Fondi Reġjun**
Il-Kunsillier Cassar nforma li l-Kunsill kellu fondi mir-reġjun biex jsiru żewġ toroq triq il-Bajtar u triq il-Bonnijiet. S'issa saret triq waħda triq Bonnijiet, li saret mil-Gvern, għalhekk il-

Kunsillier Cassar nforma li l-eks Sindku B. Zarb kellha tiċċekkja jekk il-flus li kellna għal-triq il-Bajtar huwiex ser jibqgħu tal-Kunsill biex issir triq oħra.

**45.10.10 Triq bla Isem fejn tat-Targa Battery**
Il-Kunsillier Cassar nforma li saret triq min Infrastructure Malta li m'għandhiex isem, din it-triq tieħdok min tat-Targa Battery għal barriera u l-għelieqi, fejn saret it-triq arterjali imma din it-triq ma saritx. Il-Kunsillier staqsa lis-Sindku jekk hux parti mil-pjan ta' Infrastructure Malta li ssir. Is-Sindku talab lil-Kunsillier Cassar biex jibgħatlu *site plan.*

**45.10.11 MOU Scouts**
Il-Kunsillier Cassar nforma li lis-Scouts irċevew l-MOU iffirmat imma jidher li dan mhuwiex l-aħħar MOU li kien emendat bl-ismijiet il-ġodda peress li min meta sar l-MOU inbidlu xi *stakeholders.* Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li din m'għandiex tkun problema għax meta sar, lis-*stakeholders* firmatarji kienu tajbin u nbiddlu ħafna wara, u għalhekk meta jinbidel firmatarju ma jsirx *agreement* ġdid kull darba. Il-Kunsillier Cassar nforma li kien hemm xi tibdiliet oħra u għalhekk lis-Scouts mhux ser jiffirmaw l-MOU. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li lis-Scouts diġà ffirmaw l-MOU, u s-Sindku nforma li l-MOU jidher li huwa l-aħħar verżjoni għax kulħadd iffirma. Il-Kunsillier Cassar ħa jiċċekkja għax jista' jkun ingħata nformazzjoni ħażina.

**45.10.12 Karnival**
Il-Kunsillier Camilleri nforma li qed jipproponi li fl-20 ta' Mejju terġa tiġi organizzata l-attività tal-karnival kif sar sentejn ilu. L-ispiża tagħha ħa tkun ta' €860, fejn ser jieħdu ħsieb kollox huma, il-Kunsill kemm jipprovdi *barriers* fejn ser jsir l-żfin.

Il-membri preżenti unanimament approvaw.

**45.10.13 Ġemellaġġ Ragusa**
Il-Kunsillier Camilleri nforma li flimkien mal-Kunsillier Cassar nibdet l-ideja b'kollaborazzjoni tal-ġemellaġġi u dak tal-komunitajiet u festi sabiex insaħħu l-ġemellaġġ li l-Mosta għanda mal-belt ta' Ragusa fi Sqallija, biex jitfassal pjan ta' sentejn li jwassal għall-parteċipazzjoni reċiproka waqt il-festi rispettivi fis-sena 2023.

Ragusa tiċċelebra l-festa ta' San Ġorġ fl-aħħar *weekend* f'Mejju li din is-sena ser tkun fit-28 u 29. Il-ħsieb huwa li f'dawn id-dati titla delegazzjoni biex ssir żjara b'mod uffiċjali waqt din il-festa sabiex jibdew il-preparamenti u l-ħidma li twassal f'parteċipazzjoni għal-festa tas-sena d-dieħla, biex tittella' l-festa tal-Mosta ġewwa Ragusa.

Il-baġit tal-Kunsill Lokali allokat għal-ġemellaġġi huwa ta' €5,000 fis-sena, imma minħabba l-pandemija fis-sena 2020 u 2021 dawn il-flus ma ntużawx, u bl-allokazzjoni tal-2022 hemm total ta' €15,000.
Il-Kunsillier Camilleri nforma li l-baġit ta' l-2022 jintuża parti minnu biex tittella' delegazzjoni dan ix-xagħar fl-aħħar ta' Mejju biex tipprepara u tagħmel il-ħidma meħtieġa, waqt li għas-sena 2023 jiġu trasferiti l-baġits tal-2020 u 2021, u magħhom jiżdied ta' l-2023.

Għal dawn iż-żjarat il-Kunsill jħallas l-ispejjeż tiegħu biex jitla, u d-delegazzjoni ta' Ragusa jħallsu l-ispejjeż tagħhom meta jiġu Malta. Diġà sar kuntatt ma Ragusa fejn urew interess f'din il-parteċipazzjoni konġunta bejn il-Mosta u Ragusa.

Il-membri preżenti unanimament approvaw l-baġits proposti.

**45.10.14 Xogħolijiet ta' Infrastructure Malta u Monti**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-membri preżenti li sakemm qed jsiru x-xogħolijiet min Infrastructure Malta (IM) fi triq il-Lunzjata, il-monti ġie mressaq temporanjament fi triq Patri Avertan Fenech. Dawn ix-xogħolijiet mistennija jitlestew sa l-aħħar ta' Ġunju. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat wkoll li ntbagħtet ittra lir-residenti ta' triq Patri Avertan Fenech biex jkunu nfurmati.

Is-Sindku nforma lil membri preżenti li meta IM jaslu għal-Pjazza tkellem mal-parroċċa (Giovann), biex jkun hemm alternattiva li l-*coaches* tat-turisti jkollhom *hop-on* f'post alternattiv. Giovann talab biex din issir gradwalment, u s-Sindku ssuġġerixxa biex fil-Pjazza tal-monti forsi fid-disinn tagħha jiddaħħlu tlieta jew erba' *coaches* pparkjati u ħa jitkellem ma IM, u Giovann qabel mas-suġġeriment.

Is-Sindku ssuġġerixxa li almenu nibdew li l-*coaches* jwaqqfu t-turisti l-Pjazza u wara jiġbru t-turisti minn Pjazza 16 ta' Settembru. Giovann nforma lis-Sindku li meta ħa jkun hemm il-proġett tal-mużew lest, ser joħorġu mil-kennirja, u għalhekk ikunu jistgħu mit-triq pedonali Triq il-Parroċċa sa Pjazza 16 ta' Settembru u jirkbu l-*caoch*. Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li jekk ser jsir hekk jkollhom jitneħħew il-parkeġġi, għax dik għalhekk waqfet tintuża għax żdiedu l-parkeġġi fi Pjazza 16 ta' Settembru.

Saret diskussjoni fejn s-Sindku nforma li ser jkellem lil-IM biex jkun hemm erba' parkeġġi għal-*coaches*. Il-Kunsilliera Bonnici ssuġġeriet li ta' l-inqas jitħallew il-vetturi fuq il-*coaches bays* filgħaxija, u s-Sindku nforma li jista' jkun ma jkunx hemm post biex jipparkjaw vetturi minħabba l-*coaches bays* huma kbar u allura karozza waħda biss tkun tista' tipparkja. Il-prijorità li jkun hemm il-coaches parking.

Fit 8:50 il-Kunsillier Deguara ta' *update* dwar *item* 45.10.6 Taħditiet lil-Anzjani dwar id-Dimensja.

**45.11 Rapporti**
**45.11.1 Update - Development Funds as at 5.4.2022**
*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti tal-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li sa Novembru 2021 il-fond kien ta' €1,146,611.96.

**45.11.2 Unaudited Financial Statements 2021**
L-accountant tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea ppreżenta Unaudited Financial Statements 2021.

Statement of Comprehensive Income;
Dħul ta' €1,707,546 u ħruġ ta' ftit aktar min €1,732,659, jiġifieri bħala natura rikorrenti l-Kunsill spiċċa b'*deficit* ta' €25,113 li fuq natura rikorrenti eskluż il-proġetti l-Kunsill ħareġ aktar milli daħħal.

Jekk wieħed jara dawn l-ammonti min fejn ġejjien, allokazzjoni mil-Gvern Ċentrali kellna €1,596,446.
Dħul min *bye-laws* €7,942.
Dħul mil-LES kien hemm żieda min €6,901 għal €11,465.
Dħul min *income* ġenerali kien hemm żieda min €62,199 għal €91,693.

Bħala spiża fil-pagi li jinkludu remunerazzjoni tas-Sindku, *allowance* tal-Kunsilliera, pagi tal-ħaddiema, ħaddiem ġdid, żieda mil-*collective agreement* u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, kien hemm żieda ta' €26,000.

Operations and Maintenance:
Il-Kunsill qed jinvesti aktar fil-lokalità fejn bħala spiża ta' ħsarat kien hemm żieda min €199,711 għal €250,214.

Contractual Services:
Il-Kunsill baqa' bl-istess ammonti apparti fejn jidħol *street lighting* fejn kien hemm żieda sostanzjali min €16,846 għal €137,772. In-*net cost* kien ta' madwar €60,000 għax parti mil-ispiża ġejjien mil-fondi tad-Development Planning Fund. Għalhekk bħala spiża ta' *operations and maintenance* kien hemm żieda min €904,446 għal €1,111,818.
Hemm wkoll kontijiet mil-kuntrattur ta' qabel li bħalissa hemm kawża legali l-qorti li fuqu hemm mandat wkoll.

Administration and Other Expenditure:
Il-Kunsill bejn wieħed u ieħor baqa' fuq l-istess figuri ta' qabel. Kien hemm żieda fir-renta fejn hemm id-*day care centre.*

Rigward proġetti kapitali li l-Kunsill għaddej bihom, fl-2021 il-Kunsill nefaq €291,488.

Is-sitwazzjoni tal-Kunsill fuq natura akkumulata, għalaq is-sena b' €946,126. Is-Sindku staqsa jekk dan l-ammont huwiex ammont li-Kunsill jista' jinvesti fil-lokalità. L-Accountant tal-Kunsill nforma li l-Kunsill għandu €946,126 x'jinvesti, imma jekk il-Kunsill jonfoq dan l-ammont fi spiża rikorrenti, jiġifieri ġbir ta' skart, tiswijiet ta; bozoz, *patching* eċċ, il-Kunsill għandu min fejn jonfoqhom, imma jekk il-Kunsill ser jonfoq dan it-tfaddil li sar fi spiża rikorrenti, ser jiżdied in-*net loss* li bdejna bih fil-bidu ta' €25,113 u jonqsu r-riservi tal-Kunsill. L-accountant kompla jispjega li jekk il-Kunsill jinvesti dawn il-flus fi proġetti kapitali, il-Kunsill għandu r-riżorsi biex jagħmilha u ma jkunx qed jaffettwa b'mod negattiv l-*income statement* tal-Kunsill.
L-accountant żied jgħid li 10% ta' l-*allocation* li l-Kunsill ma jistax jonfoq huwa ta' €160,000. Għalhekk min €946,126, il-Kunsill jista' jonfoq sa massimu ta' €786,126.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil-membri preżenti li min dan l-ammont ta' €786,126, diġà ser jittieħed ammont sostanzjali fi triq il-Kbira f'bankina (€81,193.42), kurduna (€39,237.50) u *service culvert* (€268,301.95) li jammontaw għal total ta' €388,732.87 eskluż VAT.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-membri preżenti li rridu noqgħodu attenti fuq l-infiq, għax meta qed nagħmlu proġetti qed nonfqu aktar min dak pjanat. L-Accountant żied jgħid wkoll li l-Kunsill għandu bosta proġetti li għalkemm uħud huma 100% *funded,* nieħdu lura biss l-ammont skont l-*agreement,* l-infiq żejjed jrid jitħallas mir-riservi tal-Kunsill.

Il-membri preżenti approvaw l-Unaudited Financial Statements 2021.

**45.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**45.12.1 Skeda ta Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 127.

Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 6 ta' April 2022 sat-3 ta' Mejju 2022.

**45.12.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**45.12.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*works orders*.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**45.12.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*petty cash.*

Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-*petty cash* li tkopri xahar ta' Marzu 2022. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**45.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-8:55 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-1 ta' Ġunju 2022 fis-6:00pm.

Konfermati llum 3 ta' Mejju 2022.

IFFIRMATI
Chris Grech
Sindku

IFFIRMATI
Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv